Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' April 2015**
**(OR. en)**

**8351/15**

**AUDIO 9**
**DIGIT 23**
**COEST 127**
**CONSOM 69**
**JAI 256**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 8115/15 AUDIO 8 DIGIT 17 COEST 121 CONSOM 65 JAI 242 |
| Suġġett: | Politika Awdjoviżiva Ewropea futura fil-qafas tas-Suq Uniku Diġitali: il-funzjonament tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva fil-kuntest tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali<br>*- Dibattitu ta' orjentazzjoni*<br>[Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-RPK [propost mill-Presidenza] |

Wara konsultazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv, il-Presidenza fasslet id-dokument ta' diskussjoni mehmuż bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport (EYCS)
fit-18 u d-19 ta' Mejju 2015.

**Il-Politika Awdjoviżiva Ewropea futura fil-qafas tas-Suq Uniku Diġitali: Il-funzjonament tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva fil-kuntest tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali**

**Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza**

**Sfond**

1. L-importanza tal-bidla diġitali u l-effett ta' trasformazzjoni tagħha fuq it-tipi kollha ta' attività umana ġiet rikonoxxuta fl-ogħla livell politiku fl-UE, u b'hekk il-ħtieġa li tiġi elaborata strateġija komprensiva biex jinkiseb l-ikbar benefiċċju possibbli minn dawn l-iżviluppi. Il-konverġenza tal-media tkompli b'ritmu mgħaġġel, u ġġib magħha opportunitajiet ġodda għall-industrija u l-konsumaturi kif ukoll sfidi ġodda għal dawk li jfasslu l-politika u r-regolaturi.

2. Il-ħolqien ta' suq uniku diġitali sar wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni. Dan huwa kkonfermat mill-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa, li l-Kummissjoni ħabbret li ser tiġi adottata fis-6 ta' Mejju. Kif iddikjarat mill-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker, parti minn dan is-suq uniku diġitali konness ġdid u l-istrateġija tiegħu hija wkoll "industrija Ewropea tal-media u l-kontenut ta' suċċess". L-ambjent diġitali għandu jiffavorixxi lill-konsumatur u jkun ibbażat fuq prinċipji bħal "il-libertà tal-informazzjoni, il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, il-ftuħ tal-internet u d-diversità kulturali u lingwistika", waqt li fl-istess ħin jiġu żgurati l-objettivi tal-interess pubblikuta' sigurtà u stabbiltà.

3. Dan ifisser li jiġi ffaċilitat l-aċċess taċ-ċittadini għall-kontenut li jkun rikk fil-kultura u ta' kwalità, servizzi ġodda u b'varjetà u li jiġu pprovduti opportunitajiet ta' tkabbir għall-industrija billi jitħallew li jittieħdu l-benefiċċji tal-konverġenza tal-media tradizzjonali u dik online, u fl-istess ħin jiġi evitat l-użu ħażin tal-libertajiet iggarantiti mir-Regolament dwar is-suq awdjoviżiv Ewropew, b'mod partikolari d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD)[1].

[1] Id-Direttiva 2010/13/UE (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

4. Il-Kummissjoni bħalissa hija impenjata f'rieżami (l-evalwazzjoni REFIT)[2] tal-AVMSD li għandu jitlesta sa tmiem l-2015. Matul dan l-eżerċizzju ser jiġi eżaminat il-funzjonament effettiv tad-direttiva f'xenarju ta' media konverġenti, inklużi l-isfidi li ġġib magħha r-realtà ġeopolitika attwali.

**Kuntest**

5. Il-libertà tal-espressjoni fl-Ewropa tinsab fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Min-naħa waħda tinsab mhedda minn dawk li jixtiequ jsikktu l-vuċijiet kritiċi. Din is-sena biss, f'Jannar rajna l-omiċidji orribbli fil-pubblikazzjoni Franċiża *Charlie Hebdo* u f'April l-attakk ċibernetiku fuq in-netwerk tat-televiżjoni tas-servizz pubbliku Franċiż *TV5 Monde* minn individwi li sostnew li huma msieħba ma' Da'esh. Min-naħa l-oħra, il-libertà tal-espressjoni qiegħda tiġi sfruttata biex ixxerred id-diskors ta' mibegħda u thedded is-sigurtà nazzjonali u l-ordni pubbliku.

6. Il-libertà tal-espressjoni mhix assoluta. Mhux biss iġġib magħhadrittijiet iżda wkoll dmirijiet u responsabbiltajiet. Id-dritt internazzjonali jipprojbixxi propaganda tal-gwerra u inċitament għall-mibegħda. L-Istati għandhom id-dritt li jirrestrinġu l-eżerċitar tal-libertà tal-espressjoni fejn din tkun tikkostitwixxi theddida għas-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali jew l-ordni pubbliku.[3]

---

2 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), dok. 10648/14.

3 Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, l-Artikoli 19 u 20. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 10.

7. Il-Ministri ser ifakkru fid-deċiżjoni tal-Conseil d'État Franċiż fl-2004 fejn ordna lill-Kumpannija Eutelsat ibbażata fi Franza biex tagħlaq l-istazzjon marbut ma' Hezbollah *Al-Manar*[4] minħabba li xandar kontenut anti-Semitiku. Kien hemm ukoll il-każ ta' *Roj TV*[5], stazzjon Kurd liċenzjat fid-Danimarka iżda li jimmira lejn il-komunitajiet Torok u Kurdi fil-Ġermanja fejn il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li l-Istati Membri mhumiex jitwaqqfu milli jadottaw miżuri kontra xandar stabbilit fi Stat Membru ieħor, skont liġi ġenerali għar-raġuni li l-attivitajiet u l-objettivi ta' dak ix-xandar imorru kontra l-projbizzjoni tal-ksur tal-prinċipji tal-fehim internazzjonali. Fl-2014 il-Qorti Suprema Daniża ddefendiet deċiżjoni li tirrevoka l-liċenzja tal-istazzjon minħabba li huwa vuċi tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK), li huwa pprojbit fl-Ewropa, l-Istati Uniti u t-Turkija.

8. Wara l-aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna u l-użu tagħha tal-media li direttament jew indirettament tappartjeni lill-Gvern għall-kisba ta' miri militari u politiċi, l-UE issa qed tiffaċċja r-realtà fejn il-media m'għadhiex hemm biss biex tinforma, teduka u sservi bħala mezz ta' divertiment. Hija tintuża wkoll bħala għodda għall-kisba tal-miri politiċi bħad-dgħajfien tal-għaqda Ewropea u l-koeżjoni soċjali fl-Istati Membri permezz tal-manipulazzjoni tal-opinjoni pubblika.

9. Il-Parlament Ewropew[6] ikkundanna bil-qawwa l-politika aggressiva u ta' espansjoni tar-Russja, minħabba li jaraha bħala theddida potenzjali għall-UE stess. Il-Kunsill (Affarijiet Barranin) irrikonoxxa wkoll il-periklu tad-diżinformazzjoni mxerrda mir-Russja.[7]

---

4 Conseil d'Etat, id-deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 2004, N. 274757 (disponibbli bil-Franċiż biss).

5 Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Settembru 2011 fil-kawżi magħquda C-244/10 u 245/10.

6 Ir-riżoluzzjoni tal-PE tal-15 ta' Jannar 2015.

7 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ukrajna tad-29 ta' Jannar 2015, http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2015/01/council-conclusions-ukraine/

10. Il-Kunsill Ewropew enfasizza l-ħtieġa li l-kampanji Russi ta' diżinformazzjoni li għaddejjin jiġu sfidati u stieden lir-Rappreżentant Għoli biex tħejji pjan ta' azzjoni dwar il-komunikazzjoni strateġika.[8]

**Id-Direttiva AVMS, it-trasmissjoni libera u l-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni**

11. Il-preambolu tal-AVMSD jiddikjara b'mod ċar li "Il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini għandu jkun meqjus bħala l-qalba ta' din id-Direttiva, minħabba li huwa essenzjali għall-ħolqien ta' suq intern" (premessa 33). Fi kliem sempliċi, jfisser li kull fornitur tas-servizzi tal-media awdjoviżiva jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru tal-UE wieħed u wieħed biss. Dan biex ikun żgurat il-fluss liberu ta' informazzjoni u l-programmi awdjoviżivi fis-suq intern u ċ-ċertezza legali meħtieġa għall-fornituri tas-servizz biex ikunu jistgħu jiżviluppaw mudelli ġodda ta' negozju għal servizzi transkonfinali.

12. Id-Direttiva tistabbilixxi sett minimu ta' regoli u huwa f'idejn l-Istati Membri li jadottaw regoli nazzjonali aktar stretti jekk ikunu jixtiequ hekk. Madankollu, dawn jistgħu jiġu applikati għall-fornituri biss fil-ġurisdizzjoni tagħhom. F'każijiet eċċezzjonali, taħt kondizzjonijiet speċifiċi u wara proċedura speċifika,[9] l-Istati Membri jistgħu jissospendu b'mod proviżorju r-ritrasmissjoni ta' xandir televiżiv li jkun ġej minn Stat Membru ieħor jekk dan ikun jikser "b'mod ċar, serju u gravi" r-regoli dwar il-protezzjoni tal-minorenni u l-inċitament għall-mibegħda.

---

[8] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Marzu 2015 EUCO 11/15.
[9] L-Artikolu 3(2) tal-AVMSD.

**L-isfidi**

13. Mingħajr dubju, il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini inkoraġġixxa ħafna l-libertà tat-trasmissjoni ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fil-fruntieri b'xi 9,000 stazzjon irreġistrati fl-Istati Membri u kważi 2,000 stazzjon li jimmiraw lejn stati li mhumiex dawk li huma stabbiliti fihom[10]. Dan ikkontribwixxa b'mod ċar għal aktar pluraliżmu fil-media u aktar għażla għall-konsumaturi. Madankollu, f'xi każijiet l-implimentazzjoni tad-Direttiva qajmet ċerti kwistjonijiet.

14. Permezz tal-bidla fl-ambjent tas-sigurtà tal-Unjoni ngħatat iktar attenzjoni lil żewġ aspetti tad-Direttiva: l-ewwel nett, il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni fil-każ ta' servizzi ta' oriġini mhux tal-UE liċenzjati fi Stat Membru wieħed li madankollu jimmira lejn l-udjenza ta' Stat Membru ieħor u t-tieni, il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Istati Membri meta dawn ikunu fil-mira ta' kontenut inaċċettabbli li jkun ġej minn Stati Membri oħra.

15. Il-proċedura prevista fid-Direttiva ma tippermettix reazzjoni rapida f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fil-każ ta' xandir tat-televiżjoni u tista' ddum xahrejn. Is-sitwazzjoni hija differenti għal servizzi fuq talba fejn tkun prevista "proċedura ta' emerġenza" u hemm raġunijiet aktar ġenerali għalfejn l-Istati riċeventi għandhom jieħdu azzjoni, pereżempju, il-politika pubblika, il-protezzjoni tas-sigurtà pubblika, inkluż il-ħarsien tas-sigurtà u d-difiża nazzjonali. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'Novembru 2014[11] indirizzaw ukoll il-fenomenu ta' regolamentazzjoni differenzjata u stiednu lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk id-distinzjoni regolatorja attwali bejn servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba u lineari għadhiex adatta fl-era diġitali.

[10] European Audiovisual Observatory (Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew). *2014 Yearbook.* p.125

[11] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Awdjoviżiva Ewropea fl-Era Diġitali (ĠU C 433, 3.12.2014, p. 2).

16. Hemm każijiet fejn stazzjonijiet ta' pajjiżi terzi huma liċenzjati fi Stat Membru lil entità li mhix fornitur tas-servizzi tal-media skont l-AVMSD jiġifieri, la teżerċita kontroll effettiv fuq il-kontenut ta' dawn l-istazzjonijiet u lanqas mhi involuta fi kwalunkwe attività ta' trasmissjoni; din tkun essenzjalment kumpannija tal-isem. Implimentazzjoni xierqa tal-AVMSD mill-Istati Membri kollha hija essenzjali biex tiżgura li fornituri tas-servizzi tal-media li huma ġenwinament stabbiliti fl-UE f'konformità mad-dritt tal-UE biss jibbenefikaw mil-libertà li jipprovdu servizzi fis-suq uniku.

17. L-AVMSD tassumi li l-kontenut tax-xandir huwa diġà f'konformità mar-regolamenti tal-Istat li joħroġ il-liċenzja u m'għandux għalfejn ikun soġġett għal aktar kontrolli. Għalhekk, l-awtorità regolatorja tal-Istat Membru tal-oriġini hija responsabbli biex tiżgura u jekk meħtieġ, biex timmonitorja[12] l-konformità tal-kontenut tal-istazzjonijiet kollha fil-ġurisdizzjoni tagħha mad-drittijiet nazzjonali u l-AVMSD, tkun xi tkun il-lingwa. Madankollu, dan mhux dejjem jista' jkun prattikament possibbli.

18. Is-sitwazzjoni ssir aktar ikkumplikata meta jkunu kkonċernati s-sensittivitajiet nazzjonali u meta l-kuntest kulturali u storiku jista' ma jinftiehemx sew mill-Istat li għandu l-ġurisdizzjoni. Ġie ssuġġerit li fil-kuntest ġeopolitiku preżenti (u mhux biss), il-kontenut tax-xandir għandu jiġi analizzat mill-perspettiva tal-Istat riċeventi kif ukoll minn dik tal-Istat Membru li għandu l-ġurisdizzjoni. F'każijiet bħal dawn jidher ovvju li l-kooperazzjoni mill-qrib u effettiva bejn l-awtoritajiet regolatorji rilevanti hija ta' importanza kbira.

[12] Il-monitoraġġ f'dan il-kuntest huwa l-analiżi tal-kontenut diġà trasmess u m'għandux jiġi mfixkel ma' ċensura jew restrizzjonijiet minn qabel, li huma l-projbizzjoni tal-kontenut li għad irid jinxtered. Il-monitoraġġ tal-kontenut huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità, pereżempju, mar-regoli dwar ir-reklamar, il-protezzjoni tal-minorenni, il-kwota tax-xogħlijiet Ewropej eċċ.

**Dibattitu ministerjali**

19. L-Istati Membri esprimew l-appoġġ u l-interess tagħhom fid-diskussjoni dwar aspetti importanti u speċifiċi tal-AVMSD li għandhom impatt fuq l-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali. Il-Presidenza temmen li huwa importanti li f'livell politiku jiġi diskuss il-funzjonament tad-Direttiva fil-kuntest tal-isfidi ġeopolitiċi attwali li jittrattaw il-libertà tal-espressjoni u l-objettivi tal-interess pubbliku ta' sigurtà u stabbiltà.

20. Dan id-dibattitu huwa partikolarment importanti minħabba li huwa f'idejn il-ministri responsabbli għall-politiki awdjoviżivi fl-Istati Membri rispettivi tagħhom li jistabbilixxu l-linji gwida ewlenin għall-politika regolatorja awdjoviżiva Ewropea futura.

21. Il-Presidenza tikkunsidra li dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill huwa f'waqtu u ser jipprovdi kontribut ta' valur għall-evalwazzjoni tar-REFIT li għaddejja. B'kont meħud tal-kwistjonijiet deskritti hawn fuq, il-Ministri ser jiġu ġentilment mistiedna jwieġbu l-mistoqsija li ġejja:

**Fil-kuntest tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, kif nistgħu nibbilanċjaw il-libertà tal-espressjoni mal-objettivi tal-interess pubbliku ta' sigurtà u stabbiltà, waqt li fl-istess ħin jinżamm xenarju awdjoviżiv Ewropew b'diversità kulturali u ta' kwalità għolja?**

22. Barra minn hekk, minħabba t-tnedija mħabbra mill-Kummissjoni ta' Strateġija ta' Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa, il-Ministri huma wkoll mistiedna, jekk jixtiequ, jindirizzaw il-mistoqsija li ġejja:

**Liema passi għandhom jittieħdu biex ikun żgurat li kontenut awdjoviżiv b'diversità kulturali u ta' kwalità għolja huwa appoġġat fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Suq Uniku Diġitali?**

Fl-interventi tagħhom, il-Ministri għandhom jiġu ggwidati mill-mistoqsijiet li jinsabu hawn fuq u ser jiġu inkoraġġuti biex jintervjenu b'mod liberu, mingħajr interventi bil-miktub, billi jsaqsu mistoqsijiet, jikkummentaw u jipprovdu proposti konkreti għal azzjoni fil-futur. Ser ikun hemm tour de table wieħed li jkopri ż-żewġ mistoqsijiet.

Sabiex il-Ministri kollha jkollhom opportunità jikkontribwixxu, l-interventi ser jiġu ristretti għal massimu ta' tliet minuti.